TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1387

KAZ NRU. 1635

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Franco Bugeja

u

Maltapost p.l.c.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 17 ta' Marzu 2003

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 20 ta' Marzu 2002 b'referenza MSP/TI/28/2002 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

Franco Bugeja, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Tonio Azzopardi waqt li Maltapost p.l.c., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sinjorina Stephania Camilleri assistita mill-Avukat Vanessa Borg.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci wara li Bord ta' Dixxiplina sabu hati tas-segwenti akkuzi :

1. Nuqqas ta' ubbidjenza inkluz insubordinazzjoni mas-superjuri tieghu ;
2. Traskuragni fuq ix-xoghol inkluz dak marbut mal-qadi ta' dmirijietu ;
3. Min japproprija ruhu minn kwalunkwe propjeta tal-Kumpanija jew minn oggetti postali tal-klijenti tal-Kumpanija u
4. Min jaghmel dikjarazzjoni falza jew inkorretta b'tali mod li jbiddel verzjoni ta' fatt li jkun gara fil-prezenza tieghu.

Sostna li t-tkecci kienet ingusta ghaliex :

1. Ammetta biss nuqqas ta' ubbidjenza (minhabba li ma segwiex l-Internal Memo tal-Kumpanija) u l-offiza ta' traskuragni (ghall-istess raguni) ;
2. Ikkontesta l-offiza ta' dikjarazzjoni falza u accetta biss li ghamel dikjarazzjoni skorretta ;
3. Il-Bord ta' Dixxiplina ma tax ragunijiet validi ghala kien qed isibu hati ta' "misappropriation" u ta' offizi li kkontesta ;
4. Ma ssellifx mill-Maltapost kif qal il-Bord ta' Dixxiplina izda gie "short" fir-rigward ta' l-ammont mnizzel fuq ic-cheque ;
5. In-nuqqas ta' ragunijiet jew motivi sufficienti fid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina ghandu jwassal ghan-nullita jew ghat-thassir ta' tali decizjoni ;
6. Ma kienx hemm ragunijiet sufficienti biex jitkecca specjalment meta jigu kkunsidratri c-cirkostanzi specjali tieghu li dwarhom talab klemenza.

Il-fatti tal-kaz kienu kif gej :

1. Fi spezzjoni li saret mill-Internal Audit Unit tal-Kumpanija nstabu zewg cekkijiet mahruga mill-kont ta' l-appellant mal-Bank of Valletta pagabbli lill-Maltapost plc. Wiehed kien ghas somma ta' Lm 141.68 u kellu d-data mibdula diversi drabi. L-ewwel data kienet aktar minn disa xhur qabel saret l-ispezzjoni u meta saret spezzjoni ohra tmint ijiem wara dan kien ghadu fil pussess tieghu. L-iehor kien iffirmat minnu izda l-ammont pagabbli ma kienx indikat.
2. Waqt spezzjonijiet rrizulta li l-appellant ghamel irregolarijiet li kienu jmorru kontra proceduri stabbiliti u struzzjonijiet mahruga mill-Kumpanija.

L-appellant accetta l-akkuzi numru 1. u 2. u dik numru 4. limitatament ghal dikjarazzjoni skorretta u mhux ghal dikjarazzjoni falza. It-Tribunal nnota li l-akkuza numru 4. kienet dwar dikjarazzjoni falza **jew** inkorretta u l-Bord ta' Dixxiplina stess nizzel fir-rapport tieghu li l-appellant ammetta biss ghal dikjarazzjoni nkoretta izda mhux falza. Ghalhekk il-kontestazzjoni dwar htija tikkoncerna principalment l-akkuza numru 3. – dik li l-appellant approprija ruhu minn propjeta tal Kumpanija.

Dwar din l-akkuza l-appellant ghamel hafna enfasi li hu ma ammettiex li kien hati ta' "misappropriation" u li fil-fatt ma kienx hati ta' dan ir-reat billi "----- qatt ma kellu ntenzjoni li jivvantagga ruhu u jigifieri jaghmel 'a personal profit' minn fuq il-Kumpanija". Barra minn hekk sostna li l-Bord tad-Dixxiplina naqas li jikkonsidra bhala attenwanti c-cirkostanzi difficli li kien jinstab fihom dak iz-zmien u li minhabba fihom kien jisthoqqlu klemenza.

Mhux kompitu tat-Tribunal li jiggudika d-decizjoni li ha l-Bord ta' Dixxiplina fuq bazi ta' provi li ngiebu quddiem tali Bord jew li jiddeciedi jekk kienetx gusta jew le. It-Tribunal irid jiddeciedi fuq il-provi li jingiebu quddiemu dwar jekk kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tal-appellant. B'dana kollu, billi l-Kumpanija fl-Istqarrija tal-Kaz qalet li tterminat l-impieg ta' l-appellant wara li nstab hati minn Bord ta' Dixxiplina mwaqqaf minnha u pprezentat kopja ta' tali decizjoni, t-Tribunal deherlu li ghandu jiehu kunsiderazzjoni taghha u accetta li anke jara transcript tat-"tape recording" tal-process.

Dan ghamlu ghaliex, ghalkemm it-Tribunal jibbaza d-decizjoni tieghu fuq provi li jingiebu quddiemu , jiehu kunsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha li huma relevanti u li jistghu jghinuh jasal ghal decizjoni gusta.

It-Tribunal, wara li ezamina x-xhieda w d-dokumenti, ikkunsidra c-cirkostanzi u qies s-sottomissjonijiet tal-partijiet wasal ghall-konkluzjoni li :

1. L-appellant, bl-agir tieghu, ma ghaddiex lill-Kumpanija ghal zmien konsiderevoli flus li kienu dovuta lilha u dan kemm jekk kien issellifhom u kemm jekk kienu b'xi mod gew neqsin ;
2. Qatt ma rrapurthom neqsin lis-superjuri tieghu kif kien tenut li jaghmel skond proceduri stabbiliti ;
3. Ghamel dikjarazzjonijiet skorretti ;
4. Qatt ma nforma s-superjuri tieghu li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol u talab ghinuna ;
5. Qatt ma nforma s-superjuri tieghu li kellu problemi li kienu qed ifixkluh fix-xoghol ;
6. Ma rrizultax li kellu johrog xi flus b'konnessjoni ma diffikultajiet finanzjarji li kkagunat ohtu ;
7. Dawn kienu nqalghu zmien sew qabel n-nuqqas u ma ngiebu ebda provi konvincenti ta' l-entita tad-diffikultajiet finanzjarji jew ta' kif dawn realment effettwaw lill-appellant.

Irrespettivament minn jekk l-appellant kellux l-intenzjoni li jzomm flus tal-Kumpanija ghalih, jew li jissellifhom jew li jahbi xi ammont li b'xi mod gie nieqes, gie pruvat li hu ma ghaddiex lill-Kumpanija flus li kienu dovuta lilha. Anke kieku l-ammont nstab nieqes kellu d-dmir u l-obbligu li jirrapporta tali nuqqas lill-Kumpanija. Bl-agir tieghu ppriva lill-Kumpanija minn flus, ghaliex hu kellu kontroll fuqhom, li ma kienux tieghu, li ma kellux dritt ghalihom u li ma kellux permess li jzommhom. Dan ghad-detriment tal-Kumpanija u kontra kull procedura stabbilita u struzzjonijiet mahruga mill-Kumpanija. Fil-fehma tat-Tribunal dan jammonta ghal approprijazzjoni ta' flus tal-Kumpanija ghal aktar minn disa xhur u li l-appellant ghaddielha biss wara li n-nuqqas gie skopert minn ufficjali waqt spezzjoni.

Il-Kumpanija deherilha li ghal dan in-nuqqas, fl-imkien ma l-akkuzi l-ohra li ammetta l-appellant, kien hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg. It-Tribunal jidhirlu li dawn kienu jikkostitwixxu raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

L-appellant kien talab klemenza mill-Kumpanija u talab l-istess lill-dan it-Tribunal. Wiehed ghandu jassumi li qabel ma hadet id-decizjoni ta' tkeccija l-Kumpanija qieset ic-circostanzi li dwarhon ntalbet il-klemenza. Din hija prerogattiva tal-Kumpanija u t-Tribunal ma jistghax jezercitha minflokha. Il-kompitu tieghu hu li jistabbilixxi jekk kienx hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja